MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 78/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmelo sive Charles Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo sive Charles Bezzina talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda nhar l-31/8/2002, 7/9/2002, 14/9/2002, 21/9/2002, 28/9/2002, 5/10/2002, 12/10/2002, 19/10/2002, 26/10/2002, 2/11/2002, 9/11/2002, 16/11/2002, 23/11/2002, meta hekk kien ordnat mill-Qorti naqas li jaghti lil martu Helen Bezzina s-somma ffissata minn dik il-Qorti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza deciza fit-30/11/81 Nru 887/81 J.A bhala

manteniment ghaliha u ghal ulied minuri Pamela Bezzina fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dak l-ordni kellu jhallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel sive Charles Bezzina hati tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal piena ta' hmistax il-jum detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell tad-29 ta' Marzu 2004 ta' l-imsemmi Carmel sive Charles Bezzina li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull akkuza jew htija skond il-Ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' Dott. Ramona Frendo ghall-appellant, ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat Avukat generali u Dott. Ginafranco Gauci ghall-parte civile;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' dikjarazzjoni verbalizzata fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2004, Dott. Frendo ghall-appellant u Dott. Gauci ghall-parte civile nfurmaw lil din il-Qorti li fil-mori ta' l-appell intlahaq ftehim bejn l-appellant u l-mara tieghu in virtu` ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dott. Nicholas Vella datat 3 ta' Gunju 2004. Kopja ta' dan l-att gie esebit waqt l-istess seduta permezz ta nota ta' l-appellant. In vista ta' tali ftehim, l-appellant irtira l-aggravji kollha kontenuti fir-rikors ta' appell tieghu salv l-aggravju dwar il-piena. Ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-aggravji kollha salv dak dwar il-piena.

Fid-dawl tac-cirkostanzi li jirrizultaw mill-imsemmi kuntratt u tal-fatt li ntlahaq ftehim bejn l-appellant u martu, giet mitluba l-klemenza tal-Qorti.

Issa, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003:

*"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".*[1]

Mill-kuntratt esebit jirrizultaw ic-cirkostanzi li wasslu ghan-nuqqas ta' hlas da parti ta' l-appellant, u cioe` "diversi incidenti li bhala rizultat taghhom garrab dizabilita` fizika … li wasslet ghal tibdil sostanzjali fil-mezzi tieghu stante illi r-Ragel safa bla xoghol u dam zmien twil ma jippercepixxi l-ebda introjtu li bih jista' jmantni lilu nnifsu, lill-Mara" u lil bintu u "liema impossibilita` fizika ghadha tissussisti sal-lum". Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi u tal-ftehim milhuq bejn l-appellant u l-mara tieghu fejn anke obbligat ruhha li f'dawn il-proceduri "tikkonferma t-transazzjoni milhuqa u illi hija m'ghandha ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tar-ragel", salv ghal dak miftiehem fl-istess kuntratt, hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi dedotti, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal piena ta' hmistax-il jum detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' ghaxar liri (Lm10) ammenda pagabbli minnufih u fin-nuqqas jigu konvertiti f'jumejn detenzjoni.

---

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Nazzareno Carabott**, 30 ta' April 2004; Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Aquilina**, 2 ta' April 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------